MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 57/2003

**Citazzjoni numru 57/2003**

**Francesco u Stella konjugi Xuereb**

**vs**

**Giusepp Attard**
**Tonina Kingswell**
**Giovanni Azzopardi**
**Eucharist Attard**
**Josephine Spiteri ghan-nom ta' l-imsiefra Maria Spiteri**
**Salvu Haber**
**Loreto Haber**
**Maria Ciantar**
**Jane Axiaq**
**Antonia Haber**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li tghid:

Illi huma proprjetarji tal-porzjoni art imsejha “Ta’ Cordina” sive “Ta’ Spaga” fil-limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta’ cirka elf disa’ mija u tlieta u tmenin (1983) metri kwadri u konfinanti mit-tramuntana ma’ beni ta’ Angelo Muscat, minn nofsinhar ma’ beni ta’ Anthony Xerri u mil-lvant ma’ beni ta’ Francesco Haber, akkwistata mill-poter ta’ Carmelo Debono in forza ta’ kuntratt pubbliku tal-11 ta’ Gunju 1987 (atti Nutar Michael Refalo), hawn esebit u markat bhala Dokument ‘A’ li min-naha tieghu kien akkwista l-istess art b’att iehor pubblikat minn Nutar Michael Refalo tal-5 ta’ Awissu 1986 (Dokument B);

Illi l-atturi kienu dahlu f’negozju ma’ terzi ghall-bejgh ta’ l-istess porzjoni art u sahhansitra kien gie iffirmat konvenju ta’ kompra-vendita dwar il-bejgh ta’ l-istess art ghand in-Nutar Dr Paul George Pisani;

Illi l-konvenuti bl-iskop uniku sabiex ifixklu l-istess bejgh milli jigi finalizzat, ipprezentaw fis-16 ta’ Mejju 2003 protest gudizzjarju (Dokument C) fir-registru ta’ din il-Qorti li in forza tieghu huma mhux biss ftahru li huma l-proprjetarji tal-istess art tramite l-wirt u s-successjoni ta’ Salvatore Haber, imma ghad-dirittura ddifidaw lill-istess atturi milli jbieghu din l-istess art u sahansitra nnotifikaw b’dan il-protest lin-Nutar Paul George Pisani, li kien in-Nutar li rrediga l-konvenju relattiv ta’ kompra-vendita dwar il-porzjoni art in kwistjoni;

Illi l-atturi ghandhom kull interess li jilliberaw ruhhom minn din il-millantazzjoni tal-konvenuti ghaliex hija wahda ingusta u infondata legalment u qeghdha tikkawzalhom danni ngenti, liema danni jridu jigu likwidati f’gudizzju separat;

TALBU ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tipprefiggilhom terminu ta’ mhux aktar minn tliet xhur sabiex jiddeducu fil-gudizzju din il-pretensjoni taghhom;

2. ghaliex fil-kaz li ma jiddeducux fil-gudizzju din il-pretensjoni taghhom fit-terminu li jinghata lilhom, m’ghandux jigi fuqhom impost is-silenzju perpetwu billi ghalhekk jigi lilhom impedut li qatt ma jergghu jipprocedu b’din il-pretensjoni immaginarja taghhom;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-kontro-protest u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharka;

B’riserva ghall-azzjoni ta’ danni spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Guzepp Attard li eccepixxa:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. illi fil-fatt il-konvenuti qatt ma qalu li m’humiex ser jiehdu dawk il-passi sabiex jigu sanciti d-drittijiet taghhom;

3. illi kienu l-istess atturi li kienu mghagglin hafna u f’temp ta’ anqas minn xahar mill-pretensjoni tal-konvenuti pprocedew b’din il-kawza minghajr ma taw zmien sufficjenti lill-konvenuti. F’kazijiet bhal dawn kawza ta’ millantazzjoni m’hijiex gustifikata;

4. illi minghajr pregudizzju ghas-suepost minn naha l-ohra kienu l-istess atturi li f’kontro-protest datat it-22 ta’ Mejju 2003 iddiffidaw lill-konvenuti sabiex ma jiehdu l-ebda passi;

5. illi m’huwiex minnu li l-konvenuti qatt imxew malizzjozament. Ghall-kuntrarju l-konvenuti dejjem imxew ma’ ricerki ufficjali li wrew li l-art fil-mertu hija taghhom, u kien ghalhekk, u cioe’ peress li qed jistennew xi ricerki testamentarji ancillari, illi hadu certa zmien minn li

jipprocedu ulterjorment. Fil-fatt certi ricerki testamentarji ghadhom pendenti.

6. kwindi hafna pretensjonijiet u minacci ta' kawza ghad-danni, inseriti f'kawza ta' millantazzjoni huma biss frivoli u vessatorji u konsegwentement il-konvenuti qeghdin prezenzjalment jitolbu l-isfilz taghhom. L-atturi qatt ma jistghu igarrbu xi danni stante illi l-konvenuti qaghdu attenti li bl-ebda mod ma jinibixxu lill-atturi f'xi trasferiment. Fi kwalunkwe kaz la l-art mertu tal-kawza hi hwejjeg l-konvenuti, l-fatt li din tigi trasferita minn l-atturi bl-ebda mod ma hu ser johloq xi pregudizzju ghall-konvenuti u ghalhekk ibieghu jew ma jbieghux l-atturi m'hux ser jinteressa lill-konvenuti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda annessa;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Salvu Haber, Loreto Haber, Maria Ciantar, Jane Axiaq, Antonia Haber li eccipew:

1. illi l-protest tas-16 ta' Mejju 2003 gie prezentat minghajr huma lanqas biss kienu jafu bih jew bil-kontenut tieghu u minghajr ghalhekk huma ma taw il-kunsens taghom ghall-prezentata tieghu;

2. illi huma qatt ma jivvanatw u qatt ma vvantaw ebda drittijiet jew pretensjonijiet kontra l-atturi fuq l-art 'Ta' Cordina' sive 'Ta' Spaga' illi tissemma u tifforma meritu tac-citazzjoni odjerna;

3. illi din id-dikjarazzjoni qeghdha ssir anke fit-termini tal-Artikolu 407 tal-Kap 12 b'dan illi l-ispejjez ta' dan il-gudizzju u ta' kwalsiasi gudizzju iehor illi jigi ntavolat fuq din l-art ghandhom jigu akkollati lil min ipprovokhom, senjatament min ipprezenta il-protest gudizzjarju tas-16 ta' Mejju 2003 f'isem l-eccipjenti odjerni minghajr ma kkonsultahom u ottjena preventivament il-kunsens taghhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-jedd li l-konvenuti jew min minnhom qed jippretendu jikkoncerna porzjon art maghrufa bhala ‘Ta’ Cordina’ sive ‘Ta’ Spaga’ fil-limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta’ cirka 1983 metri kwadri konfinanti nofsinhar ma’ beni ta’ Anthony Xerri, lvant ma’ beni ta’ Francesco Haber, u tramuntana ma’ beni ta’ Angelo Muscat. Dan il-pretiz jedd gie mfisser f’protest gudizzjarju li gie spedit lil odjerni atturi datat 16 ta’ Mejju 2003 fejn gew interpellati jersqu ghall-kuntratt ta’ rexissjoni tal-art imsemmija fl-imsemmi protest gudizzjarju u fuq deskritta b’kuntratt in atti Nutar Michael Refalo tal-11 ta’ Gunju 1987.

Illi din il-Qorti b’verbal tat-12 ta’ Frar 2004, fuq l-iskorta tal-Artikolu 408 tal-Kap 12, wara li kkonstatat li l-prova dwar il-fatt tal-pretensjoni kienet saret, ipprefiggiet terminu ta’ xahar zmien minn dakinhar lill-atturi (recte konvenuti) sabiex igibu ‘l quddiem il-pretensjonijiet taghhom b’citazzjoni.

Illi mill-atti jirrizulta illi b’citazzjoni numru 14/2004 Giuseppe Attard (wiehed mill-konvenuti) iddeduca l-pretensjonijiet, vantati bil fuq imsemmi protest gudizzjarju, b’citazzjoni, u, kif jirrizulta, ghamel dan entro t-terminu tax-xahar prefiss.

Illi mill-atti jirrizulta li fost il-konvenuti f’din il-kawza, senjatament Salvatore Haber, Loreto Haber, Maria Ciantar, Jane Axiaq u Antonia Haber iddikjaraw sollennement li l-protest gudizzjarju fuq riferit kien sar minghajr il-kunsens taghhom anke ghaliex huma qatt ma

vvantaw u lanqas jivvantaw ebda drittijiet u/jew pretensjonijiet kontra l-atturi fuq l-art de quo.

Illi wkoll jirrizulta li fost il-konvenuti, Tonina Kingswell, Giovanni Azzopardi, Eucharist Attard u Josephine Spiteri baqghu kontumaci u lanqas dehru f'xi seduta jew iddikjaraw b'nota li huma m'ghandhom ebda jedd kontra l-atturi jew, skond il-kaz, kontra l-beni taghhom.

Illi l-konsegwenza ghal dak fuq inghad tfisser li fil-waqt li l-Qorti ser timponi silenzju perpetwu fuq l-konvenuti kollha, hlief fuq Giusepp Attard li ddeduca b'citazzjoni l-pretensjoni minnu vantata ai termini tal-protest gudizzjarju, ghal dak li huma spejjez ser tiddisponi kif hawn taht wara li kkunsidrat dak li gie imfisser aktar 'il fuq.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi li:

1. tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici;
2. tilqa' t-tieni talba fis-sens illi timponi s-silenzju perpetwu fuq il-konvenuti kollha minbarra fuq il-konvenut Giusepp Attard;

3. kwantu ghall-ispejjez thalli d-decizjoni fuq dan il-kap ghall-kawza ipprezentata minn Giusepp Attard pendenti quddiem din l-istess Qorti b'dan pero' illi in kwantu ghall-ispejjez tal-konvenuti Salvu Haber, Loreto Haber, Maria Ciantar, Jane Axiaq u Anthony Haber l-istess jibqghu a karigu tal-imsemmi konvenut Giusepp Attard waqt li l-ispejjez rigwardanti il-konvenuti Tonina Kingswell, Giovanni Azzopardi, Eucharist Attard u Josephine Spiteri jibqghu a karigu taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------